MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 2642/1999/1

**Gasan Mamo Insurance Agency Limited ghan-nom u in-rappresentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Steve Gauci sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Steve Gauci**

**vs**

**Adrian Scerri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi fil-21 ta’ Frar 1998, gewwa l-Imgarr, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza LAK 646 huwa volontarjament habat mal karozza numru FAE 979 misjuqa minn John Gauci;

Illi l-vettura misjuqa mill-konvenut u propjeta’ ta’ Steve Gauci ta’ Steve’s Garage kienet assikurata taht polza ‘comprehensive’mas-socjeta attrici;

Li dan l-incident gara b’tort unikament tal-konvenut li volontarjament ried jikkawza danni fil-vettura ta’ John Gauci hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Li in vista tal-imsemmija polza s-socjeta attrici ghamlet tajjeb ghad-danni kagunati mill-konvenut fil-karozza assikurata maghha;.

Li d-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici b’konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammonataw ghal elf, mitejn u erbgha liri maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1204.62) li jinkludu hamsin lira maltin (Lm50) bhala “excess” imhallas mill-assikurat tas-socjeta attrici , hekk kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Li l-konvenut, ghalkemm interpellat biex ihallas permezz ta’ ittra ufficjali tat-3 ta’ Marzu 1999, huwa baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

m’ghandhux jigi dikjarat minn dina l-Qorti unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi;

m’ghandhiex din il-Qorti tillikwida dawn id-danni fis-somma ta’ elf, mitejn u erbgha liri maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1204.62) fuq imsemmija jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorendo bl-opera ta’ periti nominandi ;

konsegwentement ma ghandhux il-konvenut jigi kkundannat ithallas lill-atturi in linea ta’ danni l-ammont hekk likwidat;

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta’ Marzu 1999, u tal-mandat ta’ qbid presentat konstestwalment mac-citazzjoni kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma nfondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-incident de quo ma sehhx tort tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet lix-xhieda prodotti mill-atturi;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Ottubru 2000 minn fejn jirrizulta li l-konvenut iddikjara li huwa mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni reklamati mill-atturi;

Semghet lill-konvenut u lix-xhieda minnu prodotti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:-

Mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-21 ta’ Frar 1998, f’Zebbiegh Road l-Imgarr, sehh incident stradali. Involuti f’dan l-incident kien hemm l-konvenut li kien qed isuq il-vettura tal-kiri tal-marka Ford Fiesta numru ta registrazzjoni LAK 646 u certu John Gauci li kien qed van “Pick-Up” tal-markanIsuzu numru ta registrazzjoni FAE 979. Jirrizulta ukoll li l-imsemmija vettura li kien qed isuq il-konvenut kienet prpprjeta’ tal-attur Steve Gauci u kienet

mikrija lill-istess konvenut. Din l-istess vettura kienet assikurata taht polza “comprehensive” mas-socjeta attrici assikuratrici;

Fic-citazzjoni l-atturi jallegaw li l-incident in kwesjoni sehh billi l-konvenut volontarjament habat mal karozza misjuqa minn John Gauci. Ghalhekk l-atturi jsostnu li l-istess konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident billi l-istess konvenut volontarjament ried jikkawza danni fil-vettura misjuqa minn John Gauci;

Mill-provi jirrizulta ukoll li, in vista tal-imsemmija polza ta’ asikurazzjoni, s-socjeta attrici assikuratrici ghamlet tajjeb ghad-danni li gew ikkagunati, bhala konsekwenza tal-istess incident, fil-vettura tal-assikurat taghha. F’dan ir-rigward jirrizulta li l-indennizz li hallset is-socjeta attrici jammonta ghas-somma ta’ elf, mija u erba u hamsin liri maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1154.62) oltre li l-attur Steve Gauci hallas, ai termini tal-istess polza, s-somma ta’ hamsin lira maltin (Lm50) bhala “excess”;

Fic-citazzjoni l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident in kwestjoni u ghad-danni konsegwenzjali. L-atturi qed jitolbu ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u konsegwentement li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi in linea ta’ danni l-ammont hekk likwidat;

Il-konvenut qed jeccepixxi li l-incident in kwestjoni ma sehhx tort tieghu. Fid-dikjrazzjoni tieghu l-konvenut jispecifika li l-habta in kwestjoni grat billi s-sewwieq tal-vettura l-ohra, cioe’ John Gauci, saq lura l-vettura tieghu u b’hekk baqa diehel fil-vettura misjuqa mill-konvenut u liema vettura kienet wieqfa;

Il-verzjonijiet taz-zewg sewwieqa involuti f’din il-habta jikkontrastaw u huma kontradittorji. John Gauci li kien qed isuq il-vettura Pick-Up numru FAE 979 jghid li dak in-nhar tal-incident kien hemm miehu riekba fuq l-istess vettura Mariella Gauci li llum hi martu. Huwa qal li dak in-nhar tal-incident induna li l-konvenut kien qed isegwih sa minn qabel ma mar ghall-istess Mariella Gauci li dak iz-zmien

kienet toqod il-Mosta. Huwa qal li kien hemm ukoll okkazzjonijiet precedenti fejn il-konvenut segwih b'vettura u skond l-istess xhud Gauci l-konvenut kien isegwih peress li l-istess konvenut qabel kien gharus ma l-istess Mariella li illum hi martu. Il-konvenut baqa isegwi lix-xhud anke wara li riekbet fil-vettura l-imsemmija Mariella Gauci. Huma kien sejrin l-Imgarr u l-konvenut baqa isegwihom anke fi trithom lejn l-Imgarr;

Ix-xhud Gauci jkompli jghid li fit-triq lejn l-Imgarr il-konvenut saq b'velocita' qawwija ghal fuq il-vettura misjuqa minnu u fil-fatt laqat l-istess vettura fuq in-naha ta' wara. Dak il-hin ix-xhud kompla sejjer u kif wasal l-Imgrr u kien ser jipparkeggja l-konvenut rega gie minn naha ta' wara tal-vettura misjuqa mix-xhud u rega' laqat l-istess vettura. Ix-xhud ghalhekk kompla jsuq u mar l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta biex ghamel rapport lis-Surgent Borg. Fl-okkazzjonijiet l-ohra precedenti fejn il-konvenut kien segwa lix-xhud, l-istess xhud kien ghamel rapporti l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta. Dawn ir-rapporti saru principalment lill-istess Surgent Borg, li kien jghid lix-xhud biex lill-konvenut ma jkellmux izda biex semmai jghamel rapport l-Ghassa, Ix-xhud ukoll ikkonferma li ghar-rigward ta' dawn l-incidenti kienu ukoll ittiehdu proceduri l-Qorti kontra l-konvenut;

Da parti tieghu l-konvenut qal li dak in-nhar tal-incident kien qed isuq karozza mikruja minnghand l-attur Steve Gauci u qal ukoll li huwa kien sejjer l-Imgarr biex jiltaqa ma habib tieghu biex imorru jixorbu go hanut. Fi triqtu lejn l-Imgarr, Pick-Up Isuzu qabzu u dak il-hin induna li l-Pick-Up kien misjuq minn Gauci u go l-stess vettura kien hemm l-ex gharusa tieghu. Skond il-konvenut is-sewwieq tal-Pick-Up naqqqas il-velocita' tieghu hekk kif qabez lill-konvenut. Da parti tieghu l-konvenut ipprova jissorpassa l-imsemmija vettura. Dak il-hin, pero', is-sewwieq tal-Pick-Up lewa ghal fuq il-lemin tieghu u minhabba f'hekk il-konvenut baqa diehel fl-istess Pick-Up u laqtu fuq in-naha ta' wara. Il-konvenut baqa isuq wara l-Pick-Up, li waqaf meta gie ghat-telgha taz-Zebbiegh. Il-konvenut waqqaf ukoll u kien qisu t-tul ta' tlett karozzi mill-istess Pick-Up;

Il-konvenut ikompli jixhed li haseb li s-sewwieq tal-Pick-Up waqaf biex jara jekk kienx hemm xi hsara. Waqt li l-konvenut kien ghadu fil-karozza misjuqa minnu s-sewwieq tal-Pick-Up f'daqqa wahda rriversja u baqa' diehel fuq in-naha ta' quddiem tal-istess karozza misjuqa mill-konvenut u sussegwentement baqa sejjer l'hemm. Minhabba dan kollu l-konvenut mar jaghamel rapport l-ghassa tal-Pulizija ta' l-Imgarr fejn kien hemm certu Matthew Scicluna li qallu li kien ra l-incident;

Il-konvenut ikkonferma ukoll li huwa kien dam gharus ma Mariella Gauci xi hames snin u kien hassar minn maghha xi tlett xhur qabel ma sehh dan l-incident. Huwa ammetta li kien hemm zewg okkazzjonijiet, qabel l-incident in kwestjoni, fejn kien segwa lill-ex tfajla tieghi u l-gharus il-gdid taghha. Ammetta ukoll li f'dawn l-okkazjonijiet huwa kellu xi jghid ma' John Gauci u dan rigwardanti l-ex tfajla tieghu.  Huwa ammetta ukoll li, dwar dawn l-incidenti, kienu ttiehdu kontra tieghu proceduri quddiem il-Qorti kompetenti u kien gie misjub hati;

F'dawn il-proceduri l-konvenut ipproducja bhala xhud lill Matthew Scicluna li kkonferma li huwa qabel ma sehh dan l-incident lill-konvenut ma kienx jafu. Dan Scicluna kkonferma li ra l-incident in kwestjoni jsehh u dan peress li kien qed isuq wara l-vettura misjuqa mill-konvenut. Huwa qal li f'hin minnhom ra li John Gauci, li kien qed isuq il-Pick-Up, jirriversja b'sahhtu u baqa diehel fil-vettura misjuqa mill-konvenut li kienet qed issegwi l-istess Pick-Up. Ix-xhud ikkonferma li baqa sejjer l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imgarr biex jghamel rapport peress li s-sewwieqa tal-vetturi involuti fl-incident baqghu sejrin. Huwa kkonferma li sussegwentement gie fl-istess Ghassa l-konvenut;

Il-Qorti thoss li dan ix-xhud hu kredibbli u affidabbli. Ghalhekk in vista tad-deposizzjoni tax-xhud Matthew Scicluna jidher li l-fatti sehhew skond kif qal il-konvenut. Barra minn hekk ghandu jigi rilevat li l-konvenut dejjem ta' l-istess verzjoni ta' kif sehh l-incident in kwestjoni u ghalhekk f'dan ir-rigward il-konvenut kien konsistenti;

Hu minnu li Mariella Gauci sostanzjalment ikkonfermat dak li qal ir-ragel taghha cioe' x-xhud John Gauci. Tirrizulta pero' diskrepanza f'dak li qal l-istess xhud Gauci u dana fis-sens li x-xhud jghid li huwa mar jaghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta ftit wara li sehh l-incident, filwaqt li P.S. 1133 Joseph Borg, li rcieva l-istess rapport, jghid li dan sar l-ghada tal-incident;

In vista tal-premess ma jirrizultax sufficjentement pruvat li l-konvenut volontarjament ikkawza id-danni in kwestjoni u li l-istess konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli gahll-istess habta. Ghalhekk it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tal-atturi;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------